# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 22 ta' Jannar 2001**

**Avviz. numru 1137/00**

**Numru 33**

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Grima Communications Limited**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' Lm330.31 (tlett mija u tletin Lira u wiehed u tletin centezmu) mis-socjeta konvenuta lis-socjeta' attrici dovuta in konnessjoni mas-servizz ta' "leased line" bin-numru S/C 003083 (C/N 991588), kif jirrizulta mill-"istatement" anness mal-avviz u mmarkat Dok "A", liema servizz gie installat fil-fond numru 76, Triq San Pawl, Valletta, fuq rikjesta tas-socjeta' konvenuta u dan kif jirrizulta mis-"service agreement" anness mal-avviz u mmarkat Dok "B".

Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet legali dekorribli mid-data tal-avviz, kontra s-socjeta konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat l-annessi Dok A u Dok B a fol 2 u 3 tal-istess atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikata regolarment, is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx fit-8 ta' Jannar 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm330.31,0 bl-imghaxijiet legali mit-30 ta' Awissu 2000 sal-pagament effettiv u bl-ispejjes.

Alan Calleja
Dep.Reg